*Azzjoni ta' servigi; Kwalita` legali tal-esekutur testamentarju ai fini ta' din l-azzjoni*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017.**

**Numru 3**

**Rikors Numru 1030/06TA**

**Carmel u Josephine Mary konjugi Borg**

**vs**

**Dr. Jeanette Laferla Saliba fil-kwalita taghha bhala esekutrici testamentarja ta' Karmni sive Karmena Fenech, u l-Avukat Dr. Michelle Tabone, Ekonomu ta' l-Arcisqof ta' Malta Amministratur tal-Beni tal-Entitatijiet Ekklezjastici ta' Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-atturi prezentat u mahluf minn Carmel Borg fis-17 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi Karmni sive Karmena Fenech mietet fit-22 ta' Lulju 2006 kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt (Dok A).

2. Illi b'testment datat 15 ta' Novembru 2005 id-decuius Fenech istitwiet lill-konvenuta Nutar Jeanette Laferla Saliba bhala esekutrici testamentarja, halliet b'titolu ta' legat fond urban lill-ghaqda tal-Muzew u ordnat illi l-assi kollha taghha jigu likwidati, kollox a kura tal-esekutrici testamentarja infraskritta, u r-rikavat ta' tali assi ghandu jmur lid-Dar tal-Providenza ghal Persuni b'dizabilita` Siggiewi.

3. Illi pero` l-atturi rrendew servigi lid-decuius Karmni sive Karmena Fenech ghall-perjodu konsiderevoli qabel il-mewt taghha.

4. Illi l-attur anke hareg flus ghal spejjez in konnessjoni mal-istess servigi.

5. Illi l-attur interpella lill-konvenuta Nutar Laferla Saliba sabiex qabel ma tezegwixxi l-obbligi l-ohra taghha ta' esekutrici testamentarja, tillikwida kumpens dovut lill-attur (Dok A).

6. Illi l-attur pero` ma rcieva l-ebda risposta u ghalhekk kien kostrett jipprocedi b'din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li l-atturi rrendew servigi lil Karmni sive Karmena Fenech, u hargu flus in konnessjoni mal-istess servigi, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;

2. Tiddikjara li l-atturi jisthoqqilhom kumpens skont il-ligi ghal dawn is-servigi, kompriza wkoll f'dan il-kumpens ir-rifuzjoni tal-ispejjez minnhom inkorsi;

3. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont dovut lill-atturi, bhala kumpens ghas-servigi rezi u bhala rifuzjoni tal-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-istess servigi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Ekonomu, prezentata u mahlufa u mahlufa minn Dr. Michelle Tabone fit-22 ta' Dicembru 2006 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"1. Illi l-esponenti giet imharrka hazin in kwantu r-rikors kellu jsir kontra l-Avukat Dr. Michelle Tabone, Ekonomu tal-Arcisqof ta' Malta Amministratur tal-beni tal-Entijiet Ekklezjastici ta' Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza.

2. Illi f'kull kaz id-Dar tal-Providenza m'hijiex il-legittima kontradittrici in kwantu:

   (a) It-testatrici nnominat ezekutrici testamentarja sabiex tiehu hsieb li ssir il-likwidazzjoni tal-eredita`.

   (b) L-esponenti ma gietx nominata eredi ta' Carmelina sive Lina Fenech, imma sempliciment thalliet dak li jibqa' wara li ssir likwidazzjoni. Ghalhekk l-esponenti qatt ma tista' tigi ritenuta li taghmel tajjeb personalment ghal kwalsiasi dejn li seta' kellha d-decuius.

3. Illi bla pergudizzju sal-lum l-esponenti ghadha ma tafx x'inhi l-konsistenza tal-assi ereditarji tad-decuius u ghadha ma ddikjaratx jekk taccettax il-laxxitu mholli minn Carmelina sive Lina Fenech.

4. Illi bla pregudizzju r-rikorrenti jistghu jressqu talba biss ghall-hlas ta' servigi ghall-ahhar hames snin mid-data meta pprezentaw il-kawza (Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili).

5. Illi bla pregudizzju, l-esponenti m'hijiex edotta mill-fatti u ghal kull buon fini f'dan l-istadju fil-meritu qeghdha tikkontesta l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti li ghandhom jaghtu prova ta' dak li qieghed jigi allegat minnhom u l-esponenti tirrizerva l-jedd li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri fi stadju opportun u meta jkollha iktar informazzjoni dwar il-fatti ta' dan il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenuta Nutar Jeanette Laferla Saliba minnha mahlufa u prezentata fis-27 ta' Dicembru 2006 li biha eccepiet is-segwenti:-

"1. Preliminarjament, l-esponenti tirrileva illi n-nomina taghha bhala ezekutrici testamentarja tad-decuius Karmni sive Karmena Fenech ghadha lanqas ma giet ikkonfermata mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja skont il-ligi;

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti peress illi, safejn inhi nfurmata l-esponenti, dawn m'ghandhom l-ebda bazi legali u lanqas fattwali billi ma jkikkonkorrux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tkun tista' tigi proposta kawza ta' servigi da parti tar-rikorrenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u safejn inhi nfurmata l-esponenti, m'huwiex minnu illi r-rikorrenti rrendew xi servigi a favur id-decuius Karmni sive Karmena Fenech ghall-perjodu konsiderevoli qabel il-mewt taghha, kif qed jigi allegat minnhom, u dana kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'riferenza ghall-hames u s-sitt premessi tar-rikors u minghajr ebda ammissjoni da parti tal-esponenti, jigi sottomess illi m'huwiex il-kompitu tal-esponenti illi tillikwida xi kumpens favur ir-rikorrenti; semai, kien jispetta lill-istess rikorrenti illi jillikwidaw l-ammont pretiz minnhom in linea ta' kumpens, haga li sal-lum ghadha ma saritx minnhom;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, ir-rikorrenti ghandhom iressqu provi skont il-ligi in sostenn tat-talbiet taghhom.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuta Nutar Jeanette Laferla Saliba tas-17 ta' Frar 2010 li biha eccepiet is-segwenti:-

"Illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu jirreferu ghal servigi allegatament rezi favur il-mejta Karmelina Fenech oltre perjodu ta' hames qabel ma giet intavolata l-kawza jinsabu preskritti ghat-tenur tal-Artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

In sintesi, il-fatti li wasslu ghall-kawza odjerna huma semplici.

**1.** L-atturi jirrakontaw kif hadu hsieb ta' Karmni sive Karmena Fenech, xebba li kienet gara taghhom. Ghalkemm ma kienux jigu minnha, jidher li dejjem qiesuha daqs li kieku kienet wahda tal-familja.

**2.** L-atturi jirrrankontaw kif din dejjem kienet tkun ghandhom jew huma ghandha. Anke t-tfal taghhom kienu kontinwament imorru ghand Karmena, li sahansitra kienet taghtihom il-privat. Din kienet mara istruwita, tant li

apparti li qabel ma rtirat kienet tghallem, kienet sahansitra timla l-karti tat-taxxa tan-nies.

**3.** Maz-zmien din Karmena bdiet tmur lura f’sahhitha u kien jehtigilha lil min jiehu hsiebha. L-atturi, partikolarment Josephine Mary Borg, maghrufa bhala Joyce, kienet l-aktar li pprestatilha assistenzi u servizzi mehtiega. Skont dak li qalet u li qalu xhieda ohra, ghal snin qabel ma mietet, kienet litteralment qisha seftura taghha. Issajrilha, tahslilha, tnaddfilha u taghmillha l-qadjiet li jkun hemm bzonn. F’sena minnhom sahansitra telqet minn xoghol *part time* li kellha biex tiddedika l-hin ghaliha.

**4.** Zewg l-attrici, Carmel Borg, ukoll kien irrendilha xi servizzi, pero` mhux bl-intensita` ta’ martu. Dawn kienu jikkonsistu f’xoghlijiet li ghamel f’post gdid li xtrat. Karmena kienet toqghod faccata ta’ fejn kienu joqghodu l-atturi u meta garret ghall-post il-gdid, marret bieb ma’ bieb maghhom.

**5.** Fit-22 ta’ Lulju 2006 Karmena mietet. Meta nfetah it-testment taghha tal-15 ta’ Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba (a` fol 9), l-atturi hadu s-sorpiza ta’ hajjithom meta skoprew li dak li hasbu li ser thallilhom, u cioe` il-fond fejn kienet toqghod il-Mellieha, minflok hallietu b’titolu ta’ legat lill-Ghaqda tal-Muzew, mentri l-bqija ta’ kull ma kellha hallietu lid-Dar tal-Providenza, s-Siggiewi. Bis-sahha ta’ dan it-tesment fuq imsemmi, hatret lill-konvenuta Nutar Jeanette Laferla Saliba bhala esekutrici

testamentarja u ma pprovdietx esplicitament dwar l-istituzzjoni tal-eredi universali taghha.

**6.** L-atturi jghidu li dak li ghamlu ma' Karmena kien bi speranza u tama ta' hlas u ghalhekk istitwew il-kawza odjerna biex jigi likwidat ammont li ghandu jithallas lilhom ghas-servigi u prestazzjonijiet li rrendew lill-imsemmija Karmena Fenech.

**<u>Punti ta' ligi</u>**

**7.** L-azzjoni li qed tkun esperita hija kjarament dik ghall-hlas ta' servigi u prestazzjonijiet rezi lid-decujus f'hajjitha. Din l-azzjoni hija wkoll imnissla mill-principju li hadd ma ghandu jkun indebitament arrikit a` spejjes ta' haddiehor. F'dan il-kaz irid jigi pprovat, li dak li ghamlu l-esponenti, ghamluh bi speranza ta' hlas ghaliex wara kollox "*omnia labor optat premium*".

**8.** Min-naha taghhom, il-konvenuti bejniethom qeghdin jilqghu ghat-talbiet attrici fost ohrajn b'eccezzjoni ta' preskrizzjoni partikolari fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u cioe`, li l-azzjoni esperita hija estinta bil-preskrizzjoni kwinkwennali. Di piu` il-konvenut Ekonomu jeccepixxi li l-azzjoni esperita ma tirrigwardahx u ghalhekk ma hux il-legittimu kontradittur ghaliex ma jipposjedix il-kwalita` ta' eredi.

**9.** Huwa wkoll necessarju li tkun ezaminata l-kwalita` tal-esekutrici testamentarja ai fini tal-azzjoni proposta kontra taghha.

## Konsiderazzjonijiet

**10.** Il-fatti specie tal-kawza jirrekjedu li qabel ma din il-Qorti tevalwa l-mertu tal-kaz, ikun utli li l-ewwel tigi ezaminata l-eccezzjoni tal-konvenut Ekonomu sollevata minnu f'paragrafu (a) tat-tieni eccezzjoni tieghu. Din l-eccezzjoni hija wkoll assorbita fit-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Nutar Jeanette Laferla Saliba fis-sens, li t-talbiet tal-atturi huma privi minn kull fondament legali u fattwali u ghalhekk ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mil-ligi biex setghet tigi proposta kawza ta' servigi. Ma hemm ebda dubbju, li din il-vertenza hija wahda li tirrigwarda qabel kollox il-fondetezza legali tal-azzjoni fir-rigward taz-zewg konvenuti. Minn dan l-ezami jiddependi jekk din il-Qorti ghandhiex tinvesti l-mertu fis-sustanza tal-azzjoni. Kwindi jrid ikun ezaminat jekk il-konvenuti ma humiex il-legittimi kontradittur.

**11.** Lanqas ma hemm dubbju, li din ix-xorta ta' eccezzjoni hija wahda dilatorja. Eccezzjonijiet dilatorji, u dan kif jipprovdi l-Artikolu 728(2) tal-Kap 12, ghandhom kollha jinghataw fil-bidu tad-difiza, kif fil-fatt inghataw fil-kawza odjerna. (Ara sentenza tal-**Prim'Awla per Imhallef Geoffrey Valenzia tat-30 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet Caltow Limited vs John Mary Muscat**). Din il-Qorti taggungi ma dan, li sa fejn hu possibbli, dawn l-

eccezzjonijiet ghandhom ikunu decizi fil-bidu tal-kawza sakemm ma jkunx mehtieg li jinstemghu anke fatti fil-mertu biex jigu decizi.

**12.** Mill-provi kollha prodotti waqt il-kawza li jincidu fuq din l-eccezzjoni, id-dokumenti esebiti mar-Rikors Guramentat, kellhom ikunu sufficjenti, biex tkun determinata din il-vertenza. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet.

**13.** L-imsemmija Karmena Fenech kienet iddisponiet ghal wara mewtha b'testment tal-15 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba (a` fol 9). Fih halliet zewg legati. Id-dar taghha tal-Mellieha lill-Ghaqda tal-Muzew, u legat tar-residwu, billi jigi likwidat dak kollu li kellha f'hajjitha u r-rikavat imur ghad-Dar tal-Providenza tas-Siggiewi. Apparti dawn iz-zewg legati, istitwiet lill-konvenuta Nutar Jeanette Laferla Saliba bhala esekutrici testamentarja, bil-fakoltajiet kollha li taghtiha l-ligi. Ordnat ukoll lill-esekutrici testamentarja, li ai fini tad-disposizzjoni testamentarja rigwardanti d-Dar tal-Providenza, tillikwida l-assi kollha taghha u r-rikavat jithallas lil din id-Dar.

**14.** Minn dan jirrizulta, li l-imsemmija Karmena Fenech ma hasbitx biex tistitwixxi espressament l-eredi universali taghha. Minn dan isegwi wkoll, li sa fejn jirrigwarda l-istituzzjoni ta' eredi, Karmena Fenech halliet f'idejn l-operazzjoni tal-ligi, daqs li kieku sa fejn jirrigwarda dan l-aspett, hi mietet minghajr testment. Dan ifisser, li fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa fit-testment , l-eredi universali huma dawk indikati mil-ligi, skont ir-regoli ta'

Sub-Titolu II tat-Titolu III tal-Kodici Civili. Irid ukoll jinghad, li fil-perkors tal-kawza, xehdu uhud minn dawk li kienu jigu minn Karmena Fenech, fost ohrajn, kugini u anke ahwa (a` fol 98 u 100). Igifieri dawk, li kienu presumibilment l-eredi taghha.

**15.** F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament fis-sentenza fl-ismijiet **"Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001**. Dik il-Qorti qalet hekk:-

> "Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha".

**16.** Ghalhekk il-Qorti tinnota, li fil-kawza odjerna sa fejn jirrigwarda lill-konvenut Ekonomu, ma jistax jinghad li huwa l-persuna idoneja biex jirrispondi ghat-talbiet tal-atturi. Il-konvenut Ekonomu ma hux l-eredi ta' Karmena Fenech u ghalhekk huwa qatt ma jista' jkun kkundannat ihallas dak li qed jippretendu l-atturi. Skont il-ligi, huma l-eredi li jissubentraw fl-obbligi u

drittijiet tal-mejjet u mhux il-legatarji. Il-konvenut Ekonomu huwa biss legatarju. Dan ifisser li din il-Qorti ser tilqa' din l-eccezzjoni tal-konvenut Ekonomu.

**17.** Imiss issa, li tkun ikkunsidrata l-presenza tal-konvenuta Nutar Jeanette Laferla Saliba fil-kawza fil-kwalita` kif citata. Huwa minnu li fit-testment sudett hija giet istitwita bhala esekutrici testamentarja, izda biss ai fini ta' esekuzzjoni tat-testment u sabiex tassigura li fid-distribuzzjoni u amministrazzjoni tal-beni komponenti l-eredita`, titwettaq ir-rieda tat-testatrici. Ghalhekk irid ikun stabbilit jekk esekutur testamentarju jwegibx ghall-azzjoni tax-xorta li qed tkun esperita fil-kawza odjerna.

**18.** Fis-sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet **Amante Scicluna vs Teresa Abela per Imhallef Edoardo Magri tat-28 ta' April, 1965** fuq skorta ta' decizjonijiet ohra riportati f'din is-sentenza, il-Qorti qalet hekk:- "Huwa notorju l-assunt li dmir tal-ezekutur testamentarju huwa biss dak li jesegwixxi "quegli atti nominatamente espressi nel testamento e specialmente quelli che devono essere sodisfatti immediatamente dopo la morte del testatore". Ir-referenza hija ghall-atti esekuttivi u mhux li jirrispondi ghall-obbligi sostanzjali li seta' kellu t-testatur fil-konfront ta' terzi. (Ara wkoll **Qorti tal-Appell Pietro fl-ismijiet Paolo Falzon vs Negte Carmelo Sciberras tas-27 ta' Ottubru 1890** u kif ukoll **Prim Awla fl-ismijiet Amelia Debono vs Negte Gustavo Pulis tad-19 ta' Mejju 1928**).

**19.** Ghalhekk l-esekutur testametarju jwiegeb biss, ghall-esekuzzjoni ta' testment u mhux ghall-obbligi li talvolta seta' kellu l-mejjet di fronte ta' terzi. Dawk iwiegbu ghalihom l-eredi u li f'din il-kawza l-eredi ma humiex prezenti fil-gudizzju. In sostenn ghal dan, issir ukoll referenza ghall-artikolu **772** tal-Kodici Civili li jiddisponi li jekk l-esekutur testamentarju jkun ser ibiegh xi beni, "Il-werriet jista' ma jhallix li jsir il-bejgh billi jaghti l-mezzi ghall-hlas tad-djun u tal-legat". Minn dan ikompli johrog car, li l-obbligu tal-hlas tal-legati, huwa wiehed inerenti ghall-kwalita` ta' eredi. L-esekutur testamentarju jghaddi iva ghall-hlas tal-legat, izda mill-assi tal-eredita` li finalment huma l-eredi li jirraprezentawha u mhux l-esekutur testamentarju. Di fatti jekk l-assi tal-eredita` ma humiex bizzejjed biex ihallsu djun tal-mejjet, dawn ikollhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-eredi bil-propjeta` personali taghhom. Dawn il-principji zgur ma japplikawx ghall-esekutur testamentarju.

**20.** Ghalhekk stabbiliti dawn il-principji, dak li intqal fil-konfront tal-konvenut Ekonomu, japplika wkoll perfettament ghall-konvenuta Nutar Jeannette Laferla Saliba, qua esekutrici testamentarja. Li kieku din il-Qorti kellha tilqa' t-talbiet attrici fir-rigward ta' din il-konvenuta, in mankanza tal-presenza tal-eredi fil-gudizzju, il-kundanna twassal ghal wahda personali taghha, meta l-ligi ma tirrendix lill-esekutur testamentarju personali hlief ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-obbligi tieghu bhala esekutur testamentarju kif fuq inghad. Jekk minn naha l-ohra kellu jigi argumentat li l-esekutur

testamentarju jirraprezenta lill-eredita`, l-eredi jkunu qed jigu kkundannati jhallsu debitu bil-ksur tal-principji tal-gustizzja naturali fid-dawl li ma kienux citati *in causa*.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza kif ser jinghad:-

**Tilqa'** l-eccezzjonijiet rispettivament enumerati numru 2 fir-risposti tal-konvenuti u konsegwentement **tichad** it-talbiet kollha tal-atturi.

Fic-cirkostanzi kull parti tissopporti l-ispejjes taghha tal-kawza.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**